MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 539/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg mal-intimata fl-1 ta' Mejju 1982 skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li jisimha X li llum ghandha tletin sena.

Illi huwa u l-intimata martu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tad-29 ta' Jannar 1993 u minn dak iz-zmien qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi t-tnejn li huma domiciljati Malta u ma hemm l-ebda possibilita` li huma jergghu jirrikoncilaw.

Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi z-zewg partijiet iddikjaraw li ddekadew mid-dritt reciproku li jitolbu manteniment minghand xulxin.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna li tali digriet jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tippremetti :

1. Illi l-esponenti ma toggezzjonax ghat-talbiet tar-rikorrent, b'dan illi m'ghandhomx jigu mittiefsa ebda mid-drittijiet taghha skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet;
2. Illi finalment l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri;

B'riserva ghal risposti ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent, minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati

mid-29 ta’ Jannar, 1993 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------